



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2013
COM(2013) 741 final

2013/0355 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. IL-QAFAS POLITIKU U LEGALI

Fil-kuntest tad-Dikjarazzjoni tas-Samit ta' Varsavja dwar is-Sħubija tal-Lvant tat-30 ta' Settembru 2011, l-UE u l-pajjiżi sħab ikkonfermaw l-appoġġ politiku tagħhom lejn it-tiżi tal-mobilità taċ-ċittadini f'ambjent sikur u mmaniġġat sew u affermaw mill-ġdid l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi gradwali lejn reġim mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien opportun.

Fuq dik il-bażi u bħala l-ewwel pass konkret 'il quddiem, fis-16 ta' Settembru 2011 il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni lill-Kunsill sabiex jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Azerbajġan dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fid-19 ta' Diċembru 2011, in-negozjati mar-Repubblika tal-Azerbajġan dwar Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża nfetħu f'Baku fl-1 ta' Marzu 2012. Fil-1 ta' Ġunju 2012 fi Brussell, fis-6 ta' Novembru 2012 f'Baku u fit-13 ta' Marzu 2013 fi Brussell, saru tliet sessjonijiet oħra ta' negozjati. Fid-29 ta' Lulju 2013 it-test finali tal-Ftehim ġie inizjalat min-negozjaturi ewlenin fi Brussell.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha tan-negozjati waqt il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti.

Min-naħa tal-Unjoni, il-bażi legali għall-Ftehim huwa l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218 TFUE.

Il-proposti mehmużin jikkostitwixxu l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata.

II. IR-RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntleħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

- bħala prinċipju, għall-applikanti kollha għal viża, ikollha tittieħed deċiżjoni jekk tinħariġx viża jew le fi żmien għaxart (10) ijiem tal-kalendarju. Meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju, dan il-perjodu jista' jkun estiż sa 30 jum tal-kalendarju. F'każijiet urġenti, il-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni jista' jitnaqqas għal jumejn ta' xogħol jew inqas. Bħala regola, l-applikanti għall-viża jista' jkollhom appuntament biex jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom fi żmien ġimagħtejn mid-data tat-talba u f'każijiet ta' urġenza minnufih jew mingħajr appuntament.
- Il-ħlas tal-viża biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan għandha tammonta għal EUR 35. Din it-tariffa tiġi applikata għall-applikanti għall-viża kollha u tirrigwarda kemm viżi għal dħul ta' darba kif ukoll viżi għal dħul multiplu. Barra minn hekk, ċerti kategoriji ta' persuni jibbenefikaw minn eżenzjoni sħiħa tat-tariffa tal-viża: pensjonanti, qraba mill-viċin, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li jipparteċipaw f'attivitajiet tal-gvern, tfal tal-iskola, studenti u studenti postuniversitarji, persuni b'diżabbiltà, ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom, rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tfal taħt l-età ta' 12-il sena, każijiet umanitarji u persuni li jipparteċipaw fi programmi xjentifiċi, kulturali, attivitajiet artistiki u avvenimenti sportivi;

- id-dokumenti dwar l-għan tal-vjaġġ li għandhom jiġu ppreżentati ġew simplifikati għal xi kategoriji ta' persuni: qraba mill-viċin, persuni fin-negozju, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, tfal tal-iskola, studenti u studenti postuniversitarji, parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u sportivi, ġurnalisti, persuni li jkunu se jattendu difniet militari u ċivili, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet, xufiera li jwettqu servizzi tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija u tal-passiġġieri, parteċipanti fi programmi ta' skambju uffiċjali ta' bliet ġemellati u persuni fuq żjara għal raġunijiet mediċi. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ. Ma tinhtiegħ l-ebda ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra prevista mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan;
- hemm ukoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu għal dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin:
 - (a) għal membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali u miżżewġin u tfal li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Azerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri jew ċittadini tal-UE li jirrisjedu fit-territorju tal-Istati Membri li huma ċittadini tagħhom jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan residenti fit-territorju tal-Azerbajġan: viżi validi għal ħames snin (jew inqas, bil-perjodu ta' validità limitat skont il-mandat tagħhom jew l-awtorizzazzjoni għal residenza legali).
 - (b) parteċipanti fi programmi xjentifiċi, kulturali, programmi uffiċjali ta' skambju u avvenimenti sportivi, ġurnalisti, studenti, nies tan-negozju, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet u xufiera, kemm-il darba fis-sentejn ta' qabel ikunu użaw tajjeb il-viżi ta' sena (1) għal dħul aktar minn darba u r-raġunijiet għat-talba għal dħul aktar minn darba jkunu għadhom validi: jinħarġu viżi validi għal minimu ta' sentejn u massimu ta' ħames (5) snin;
- ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan li jkunu detenturi ta' passaporti diplomatiċi validi huma eżenti mill-ħtieġa tal-viżi għal żjajjar qosra.
- is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx kompletament l-acquis ta' Schengen u l-għarfien unilaterali tagħhom tal-viżi u tal-permessi ta' residenza ta' Schengen maħruġa lil ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan għall-għan ta' transitu fit-territorju tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 582/2008/KE, hija indirizzata minn protokoll.
- Mal-Ftehim hemm mehmuża Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 dwar il-passaporti diplomatiċi.
- Mal-Ftehim hemm mehmuża Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.
- Dikjarazzjoni Konġunta li tafferma mill-ġdid li l-Ftehim ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tal-Azerbajġan jikkonkludu Ftehimiet bilaterali ta' Eżenzjoni mill-Viża għad-detenturi ta' passaporti tas-servizz.
- is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu. L-assoċjazzjoni mill-qrib tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen hi ugwalment riflessa f'dikjarazzjoni konġunta mal-Ftehim.

III. KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jawtorizza lill-Kummissjoni biex taħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit ta' Varsavja dwar is-Sħubija tal-Lvant tat-30 ta' Settembru 2011 tikkonferma l-appoġġ politiku lejn it-tisħiħ tal-mobilità taċ-ċittadini permezz tal-liberalizzazzjoni tal-viża u l-intenzjoni li jittieħdu passi gradwali lejn l-ivvjaġġar mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien dovut.
- (2) Fid-19 ta' Diċembru 2011 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tal-Azerbajġan dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar l-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ġie inizzjalat fid-29 ta' Lulju 2013.
- (3) F'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda,
- (4) F'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għad-Danimarka.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jfassal l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna (jew il-persuni) indikata/indikati min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX
FTEHIM
bejn
l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni";

kif ukoll

IR-REPUBBLIKA TAL-AZERBAJĠAN,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

BIX-XEWQA li jiffaċilitaw il-kuntatti bejn persuni bħala kundizzjoni importanti għal żvilupp sod ta' rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u oħrajn, billi jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Azerbajġan fuq il-bażi ta' reċiproċità;

FILWAQT LI JQISU l-Ftehim dwar Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Azerbajġan, min-naħa l-oħra, kif ukoll n-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan li tnedew fl-2010,

WARA LI KKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit ta' Praga dwar is-Sħubija tal-Lvant li sar fis-7 ta' Mejju 2009, li fih ġie ddikjarat l-appoġġ politiku lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża f'ambjent sikur,

FILWAQT LI JAGĦRFU li l-faċilitazzjoni tal-viża ma għandux iwassal għal migrazzjoni illegali u filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lis-sigurtà u r-rijammissjoni,

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda,

FILWAQT LI JQISU l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni

L-għan ta' dan il-Ftehim hu sabiex jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal żjar intiża għal mhux aktar minn 90 jum kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Azerbajġan.

Artikolu 2

Klawżola Ġenerali

1. Il-faċilitazzjoni tal-viża previst f'dan il-Ftehim għandu japplika għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Azerbajġan biss sakemm ma jkunux eżenti mill-ħtieġa tal-viża bil-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Azerbajġan, tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, tal-ftehim preżenti jew ftehimiet internazzjonali oħra.

2. Il-liġi nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan, jew tal-Istati Membri jew il-liġi tal-Unjoni għandhom japplikaw fi kwistjonijiet li mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, bħaċ-ċaħda milli tinħareġ viża, rikonossiment ta' dokumenti ta' vvjaġġar, prova ta' mezzi ta' għejxien suffiċjenti u ċ-ċaħda tad-dħul u miżuri ta' espulsjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan il-Ftehim:

(a) "Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Irlanda, u r-Renju Unit;

(b) "ċittadin tal-Unjoni" tfisser ċittadin ta' Stat Membru kif iddefinit fil-punt (a);

(c) "Ċittadin tar-Repubblika tal-Azerbajġan" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha ċ-ċittadinanza tar-Repubblika tal-Azerbajġan skont il-leġiżlazzjoni tiegħu fis-seħħ;

(d) "viża" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan fil-konfront ta' intenzjoni ta' transitu mit-territorju tal-Istati Membri jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jew ta' żjara intiża fihom ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum;

(e) "persuna legalment residenti" tfisser:

- għar-Repubblika tal-Azerbajġan, ċittadin tal-Unjoni li kiseb permess ta' residenza temporanja jew permanenti għal perjodu ta' aktar minn 90 jum fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan,

- għall-Unjoni, ċittadin tar-Repubblika tal-Azerbajġan awtorizzat jew intitolat li joqgħod għal aktar minn 90 jum fit-territorju ta' Stat Membru, fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Provi dokumentati dwar l-għan tal-vjaġġ

1. Għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Azerbajġan, id-dokumenti li ġejjin huma suffiċjenti sabiex ikun ġustifikat l-għan tal-vjaġġ lejn il-Parti l-oħra:

(a) għall-qraba mill-viċin — konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u tfal tat-tfal (grand-children) — li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri, jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan:

- talba bil-miktub mill-persuna ospitanti;

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, għall-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali inklużi l-membri permanenti tat-tali delegazzjonijiet li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem f'laqgħat uffiċjali, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri:

- ittra maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew minn istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li tikkonferma li l-applikant ikun membru tad-delegazzjoni tagħha rispettivament jew membru permanenti tad-delegazzjoni tagħha, li qed jivvjaġġa lejn it-territorju tal-Parti l-oħra biex jipparteċipa f'dawn l'avvenimenti msemmija, flimkien ma' kopja tal-istedina uffiċjali;

(c) għan-nies tan-negozju jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tan-negozju:

- talba bil-miktub mill-persuna ġuridika jew kumpanija ospitanti, organizzazzjoni jew uffiċċju jew fergħa ta' tali persuna ġuridika, jew kumpanija jew awtoritajiet statali jew lokali tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri jew kumitati organizzattivi jew wirjiet ta' kummerċ u industrija, konferenzi u simpożji li jsiru fit-territorji ta' xi wieħed mill-Istati Membri, approvata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-leġislazzjoni nazzjonali;

(d) għal xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bejn it-territorji tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan:

- talba bil-miktub mill-assoċjazzjoni jew il-kumpanija nazzjonali (unjoni) ta' min iġorr fir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-assoċjazzjonijiet nazzjonali oħra ta' min iġorr fl-Istati Membri li jfornu trasport internazzjonali bit-triq, li tagħti l-iskop, l-itinerarju, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;

(e) għal tfal tal-iskola, studenti, studenti postuniversitarji u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż il-qafas ta' programmi ta' bdil kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola:

- talba bil-miktub jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mill-università, akkademja, istitut, kulleġġ jew skola li tospita, jew karti tal-istudenti jew ċertifikati tal-korsijiet li jkunu se jattendu;

(f) għal persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, akkademiċi, kulturali jew artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' skambju:

- talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita biex jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet;

(g) għall-ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

- ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn organizzazzjoni professjonali jew minn min iħaddem lill-applikant, li jixhed li l-persuna konċernata hi ġurnalist kwalifikat u li jistqarr li l-għan tal-vjaġġ hu li jwettaq xogħol ġurnalistiku jew li jixhed li l-persuna hi membru tal-ekwipaġġ tekniku li qed jakkumpanja l-ġurnalist f'kapaċità professjonali;

(h) għal parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

- talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita, mill-awtoritajiet kompetenti, mill-Federazzjonijiet sportivi nazzjonali tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew il-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew Kumitati Olimpiċi Nazzjonali tal-Istati Membri;

(i) għal parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' bdil organizzati minn bliet ġemellati:

- talba bil-miktub mill-Kap tal-Amministrazzjoni/mis-Sindku ta' dawn l-ibliet;

(j) għal persuni li jkunu qed jivvjaġġaw għal raġunijiet mediċi u l-persuni li jkun jeħtieġ li jakkumpanjawhom:

- dokument uffiċjali tal-istituzzjoni medika li jikkonferma l-ħtieġa ta' kura medika f'din l-istituzzjoni, in-neċessità tal-akkompanjament, u evidenza ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti sabiex jiġihallas it-trattament mediku;

(k) għal membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simposji, seminars jew attivitajiet simili oħra li jsiru fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew tal-Istati Membri:

- talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li tkun qed tospita li tikkonferma li l-persuna kkonċernata qed tipparteċipa fl-avveniment;

(l) għar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' bdil:

- talba bil-miktub maħruġa mill-organizzazzjoni li tospita, konferma li l-persuna tkun qiegħda tirrappreżenta l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u ċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' tali organizzazzjoni mir-Reġistru rilevanti maħruġ minn awtorità tal-Istat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(m) qraba li jżuru għal ċerimonji ta' dfin:

- dokument uffiċjali li jikkonferma l-fatt tal-mewt kif ukoll konferma tar-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-persuna li se tindifen;

(n) għal żjarat f'ċimiterji militari u ċivili:

- dokument uffiċjali li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll ir-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-persuna midfuni;

2. It-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkollha l-elementi li ġejjin:

(a) għall-persuna mistiedna: isem u kunjom, data tat-twelid, sess, ċittadinanza, numru tal-passaport, ħin u għan tal-vjaġġ, numru ta' daħliet u fejn rilevanti l-isem tal-konjugi u tat-tfal li qed jakkumpanjaw lill-persuna mistiedna;

(b) għall-persuna li tistieden: isem, kunjom u indirizz;

(c) għall-persuna ġuridika, kumpanija jew organizzazzjoni li tistieden: l-isem u l-indirizz sħaħ u:

- jekk it-talba ssir minn organizzazzjoni jew awtorità, l-isem u l-pożizzjoni tal-persuna li tiffirma t-talba;

- jekk il-persuna li tistieden hija persuna ġuridika jew kumpanija jew uffiċċju jew fergħa ta' tali persuna ġuridika jew kumpanija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan, in-numru tar-reġistrazzjoni kif mitlub mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat jew mil-liġi tar-Repubblika tal-Azerbajġan.

3. Għall-kategoriji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kategoriji kollha tal-viżi jinħarġu skont il-proċedura simplifikata mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda ġustifikazzjoni, invit jew validazzjoni ulterjuri dwar l-għan tal-vjaġġ, previst mil-leġiżlazzjoni tal-Partijiet.

Artikolu 5

Il-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu

1. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan joħorġu viżi b'terminu ta' validità sa massimu ta' ħames (5) snin għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini:

(a) Konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), li jkunu taħt l-età ta' 21 jew ikunu dipendenti, ġenituri (inklużi l-kustodi), li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jkunu legalment residenti fit-territorju tal-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan;

(b) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri:

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hija manifestament limitata għal perjodu iqsar, it-terminu tal-validità tal-viża ta' diversi dħul hu limitat għal dak il-perjodu, partikolarment meta:

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt (a), il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għal residenza legali ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jirrisjedu legalment f'wieħed mill-Istati Membri jew ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu legalment jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan;

- fil-każ tal-persuni msemmija fil-punt (b), it-terminu tal-validità tal-*istatus* bħala membru permanenti ta' delegazzjoni uffiċjali,

ikun inqas minn ħames snin.

2. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u r-Repubblika tal-Azerbajġan joħorġu viżi għal dħul multiplu b'perjodu ta' validità ta' sena għal dawn il-kategoriji ta' ċittadini, jekk kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu mill-inqas viża waħda, ikunu użawha skont il-liġijiet ta' dħul u residenza fit-territorju tal-Istat li żaru:

(a) studenti, studenti postuniversitarji li jivvjaġġaw regolarment għall-għanijiet ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' bdil;

(b) ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(c) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' bdil organizzati minn bliet ġemellati;

(d) xufiera li jwasslu tagħbija internazzjonali u servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bejn it-territorji tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Istati Membri f'vetturi reġistrati fl-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan;

(e) persuni li jeħtieġu li jżuru regolarment għal raġunijiet mediċi u l-persuni meħtieġa li jakkumpanjawhom;

(f) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simposji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri;

(g) rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn ir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri għall-għanijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(h) persuni li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi universitarji u programmi oħra ta' bdil, li jivvjaġġaw regolarment fir-Repubblika tal-Azerbajġan jew fl-Istati Membri;

(i) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(j) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem b'mod regolari f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew tal-Istati Membri;

(k) nies fin-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' negozju li jivvjaġġaw regolarment fir-Repubblika tal-Azerbajġan jew fl-Istati Membri;

B'deroga mill-ewwel sentenza, fejn il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment hija manifestament limitata għal perjodu iqsar, it-tul ta' żmien tal-validità tal-viża għal dħul multiplu jkun limitat għal dak il-perjodu.

3. Missjonijiet diplomatiċi u pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan jorġu viżi ta' dħul multiplu b'perjodu ta' validità minimu ta' sentejn (2) u massimu ta' ħames (5) snin għall-kategoriji ta' ċittadini msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jekk kemm-il darba fis-sentejn (2) ta' qabel ikunu wżaw il-viżi ta' dħul multiplu għal sena skont il-liġijiet dwar id-dħul u r-residenza fit-territorju tal-Istat li żaru sakemm il-ħtieġa jew l-intenzjoni li jivvjaġġaw sikwit jew regolarment ma tkunx manifestament limitata għal perjodu iqsar, li f'dan il-każ il-perjodu tal-validità tal-viża ta' dħul multiplu jkun limitat għal dak il-perjodu.

4. Il-perjodu totali ta' residenza ta' persuni msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż id-90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum fit-territorju tal-Istati Membri jew fir-Repubblika tal-Azerbajġan.

Artikolu 6

Ħlas għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża

1. Il-ħlas għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet tal-viża jammonta għal EUR 35.

Dan l-ammont jista' jiġi rivedut skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 14(4).

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 il-ħlasijiet għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-viża jitneħħew għal dawn il-kategoriji ta' persuni:

(a) għall-qraba mill-viċin — konjugi, tfal (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi kustodji), nanniet u ntfal tat-tfal (grand-children) — li jżuru liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu legalment fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri, jew ċittadini tal-Unjoni Ewropea residenti fit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini, jew ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan residenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan;

(b) għal membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, inklużi membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lill-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan, jieħdu sehem f'laqgħat uffiċjali, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti li jsiru minn organizzazzjonijiet intergovernattivi fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew f'wieħed mill-Istati Membri;

(c) tfal tal-iskola, studenti, studenti postuniversitarji u għalliema li jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju jew taħriġ edukattiv, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħra marbuta mal-iskola;

(d) persuni b'diżabbiltà u l-persuni li jakkumpanjawhom, jekk meħtieġ;

(e) parteċipanti f'avvenimenti sportivi internazzjonali u persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

(f) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiki, inklużi programmi tal-università u programmi oħrajn ta' skambju;

(g) persuni li ppreżentaw dokumenti li jippruvaw il-ħtieġa li jivvjaġġaw għal raġunijiet umanitarji, inkluż biex jirċievu trattament mediku urġenti u l-persuna li takkumpanjahom, jew li jattendu funeral ta' qarib, jew biex iżuru qarib li għandu mard serju;

(h) rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jivvjaġġaw għal raġunijiet ta' taħriġ edukattiv, seminars, konferenzi, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

(i) pensjonanti;

(j) tfal li jkollhom anqas minn 12-il sena;

(k) ġurnalisti u l-ekwipaġġ tekniku li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

3. Jekk Stat Membru jew ir-Repubblika tal-Azerbajġan jikkoopera ma' fornitur tas-servizzi estern bl-iskop ta' ħruġ ta' viża, il-fornitur tas-servizzi estern jista' jitlob ħlas għas-servizz. Dan il-ħlas ikun proporzjonat ma' kemm ikun nefaġ il-fornitur tas-servizzi estern waqt it-twettiq tal-ħidmiet tiegħu, u ma għandux ikun aktar minn EUR 30. L-Istati Membri u r-Repubblika tal-Azerbajġan iżommu l-possibbiltà għall-applikanti kollha li jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom direttament fil-konsulati tagħhom.

Għall-Unjoni, il-fornitur estern tas-servizzi jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu skont il-Kodiċi tal-Viżi u fir-rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan.

Għar-Repubblika tal-Azerbajġan, il-fornitur estern tas-servizzi jagħmel l-operazzjonijiet tiegħu skont il-leġiżlazzjoni tal-Azerbajġani u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-UE.

Artikolu 7

Tul tal-proċeduri għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża

1. Missjonijiet diplomatiċi u pozzizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan għandhom jieħdu deċiżjoni fuq it-talba li tinħareġ viża fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għall-ħruġ tal-viża.

2. Il-perjodu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-viża jista' jkun estiż sa 30 jum f'każijiet individwali, notevolment meta jkun jinħtieġ aktar skrutinju tal-applikazzjoni.

3. Il-perjodu biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża jista' jitnaqqas għal jumejn (2) ta' xogħol jew inqas f'każijiet urġenti.

Jekk l-applikanti jkunu obbligati jiksbu appuntament għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, l-appuntament iseħħ, bħala regola, fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' meta jkun intalab l-appuntament. Minkejja s-sentenza ta' qabel, il-fornituri esterni tas-servizzi jiżguraw li applikazzjoni għal viża, bħala regola, tkun tista' tiġi ppreżentata mingħajr dewmien żejjed.

F'każijiet ta' urġenza ġġustifikati, l-applikanti jistgħu jitħallew mill-konsulat jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom jew mingħajr appuntament, jew jingħata appuntament minnufih.

Artikolu 8

Tluq f'każ ta' dokumenti mitlufa jew mistruqa

Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Azerbajġan li jkunu tilfu d-dokumenti ta' identità tagħhom, jew li jkunu nsterqulhom dawn id-dokumenti waqt iż-żjara tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri, jistgħu jħallu dak it-territorju fuq il-bażi ta' dokumenti ta' identità validi li jippermettu l-qsim tal-fruntiera, maħruġa minn missjonijiet diplomatiċi jew pożizzjonijiet konsulari tal-Istati Membri jew tar-Repubblika tal-Azerbajġan mingħajr viża jew awtorizzazzjoni oħra.

Artikolu 9

Estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni

Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan li ma jkunux jistgħu jitolqu mit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew it-territorju tal-Istati Membri sad-data ddikjarata fil-viża tagħhom għal raġunijiet ta' force majeure jkollhom il-perjodu ta' validità u/jew it-tul ta' soġġorn tal-viża maħruġa tagħhom estiż mingħajr ħlas konformement mal-leġiżlazzjoni applikata mir-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istat Membru li jirċievi għall-perjodu meħtieġ għar-ritorn lejn l-Istat ta' residenza tagħhom.

Artikolu 10

Passaporti diplomatiċi

1. Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan li huma detenturi ta' passaporti diplomatiċi validi jistgħu jidħlu, joħorġu jew jaġmlu tranżitu mit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew l-Istati Membri mingħajr viżi.
2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu joqogħdu fit-territorju tar-Repubblika tal-Azerbajġan jew fit-territorji tal-Istati Membri għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum.

Artikolu 11

Il-validità territorjali tal-viżi

Soġġetti għar-regoli u regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà nazzjonali tar-Repubblika tal-Azerbajġan u tal-Istati Membri u soġġetti għar-regoli tal-UE dwar viżi b'validità territorjali limitata, iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan u tal-Unjoni jkunu intitolati għall-ivjaġġar fit-territorju tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Azerbajġan fuq bażi ugwali bħaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u iċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Azerbajġan.

Artikolu 12

Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim

1. Il-Partijiet jistabilixxu Kumitat Konġunt ta' esperti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Repubblika tal-Azerbajġan. L-Unjoni tkun rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, assistita minn esperti mill-Istati Membri.
2. Il-Kumitat, b'mod partikolari, ikollu l-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;
 - (b) jissuġġerixxi emendi jew żidiet għal dan il-Ftehim;
 - (c) isolvi tilwimiet li jqumu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan il-Ftehim.
3. Il-Kumitat jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ, fuq talba minn waħda mill-Partijiet u għall-inqas darba f'sena.
4. Il-Kumitat jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 13

Ir-relazzjoni ta' dan il-Ftehim ma' Ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Azerbajġan

Sa minn meta jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim jieħu preċedenza fuq dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali konkluż bejn Stati Membri individwali u r-Repubblika tal-Azerbajġan, sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 14

Klawżoli finali

1. Dan il-Ftehim jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom u jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija hawn taħt ikunu tlestew.
2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ biss fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar ir-rijammissjoni jekk din id-data tkun wara d-data stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu ta' żmien indefinit, sakemm ma jkunx terminat skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.
4. Dan il-Ftehim jista' jkun emendat bi ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet. L-emendi jidħlu fis-seħħ wara li l-Partijiet ikunu avżaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom li huma meħtieġa għal dan l-għan.
5. Kull Parti tista' tissospendi dan il-Ftehim parzjalment jew kollu kemm hu għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u protezzjoni tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel ma tidħol fis-seħħ. Il-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tgħarraf minnufih lill-Parti l-oħra malli r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux għadhom japplikaw.
6. Kull Parti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tavża lill-Parti l-oħra bil-miktub. Dan il-Ftehim ma jibqax fis-seħħ 90 jum wara d-data ta' tali notifika.

Magħmul f'XXX f'XXX, f'żewġ kopji bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-

Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Isvediż, it-Taljan, l-Ungeriz, u l-Azerbajġan b'kull wiehed minn dawn it-testi jkun awtentiku bl-istess mod.

Għall-Unjoni

Għar-Repubblika tal-Azerbajġan

PROTOKOLL

għall-Ftehim dwar l-Istati Membri li ma japplikawx bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen

Dawk l-Istati Membri li huma marbuta bl-acquis ta' Schengen iżda li għadhom ma jgħorgux il-viżi ta' Schengen, filwaqt li jistennew id-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill f'dan is-sens, jgħorgu viżi nazzjonali li l-validità tagħhom hija limitata għat-territorju tagħhom stess.

Skont id-Deċiżjoni Nru 582/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom¹ ittiegħdu miżuri armonizzati sabiex jiġi ssimplifikat it-transitu ta' detenturi ta' viżi ta' Schengen u ta' permessi ta' residenza ta' Schengen madwar it-territorju tal-Istati Membri li għadhom ma japplikawx bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar passaporti diplomatiċi

Kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Repubblika tal-Azerbajġan tista' tinvoka sospensjoni parzjali tal-ftehim u partikolarment tal-Artikolu 10, skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 14(5), jekk l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tkun abbużata mill-Parti l-oħra jew twassal għal theddida għas-sigurtà pubblika.

Fil-każ ta' sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 10, iż-żewġ Partijiet jibdedw konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-ftehim bil-ħsieb li jsołvi problemi li jwasslu għal sospensjoni.

Bħala prijorità, iż-żewġ Partijiet jiddikjaraw l-impenn tagħhom sabiex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà għall-passaporti diplomatiċi, partikolarment billi jintegraw identifikanti bijometriċi. Għall-Unjoni, dan ikun żgurat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri².

Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-Danimarka

Il-Partijiet jieħdu nota li dan il-Ftehim mhux applikabbli għall-proċeduri tal-ħruġ ta' viżi mill-missjonijiet diplomatiċi u s-servizzi konsulari tad-Danimarka.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa mixtieq li l-awtoritajiet tad-Danimarka u tar-Repubblika tal-Azerbajġan jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehim bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra f'termini simili bħall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Renju Unit u l-Irlanda

Il-Partijiet jinnotaw li dan il-Ftehim preżenti mhux applikabbli fit-territorju tar-Renju Unit u fl-Irlanda.

¹ ĠU L 161, 20.6.2008, p. 30.

² ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun xieraq li l-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-Irlanda u r-Repubblika tal-Azerbajġan, jikkonkludu ftehimiet bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi.

Dikjarazzjoni Konġunta li tikkonċerna l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein

Il-Partijiet jieħdu nota tar-relazzjoni mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein, u n-Norveġja, b'mod partikolari bis-saħħa tal-Ftehimiet tat-18 ta' Mejju 1999 u tas-26 ta' Ottubru 2004 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa mixtieq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, tal-Islanda u tar-Repubblika ta' Montenegro jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra f'termini simili bħall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni fejn jidħlu dokumenti tal-ivvjaġġar

Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim, meta jkun qed jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim, għandu jevalwa l-impatt tal-livell ta' sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar rispettivi dwar il-funzjonament tal-Ftehim. Għal dan il-għan, il-Partijiet jaqblu li jinformaw lil xulxin b'mod regolari dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġi evitat it-tifrixx ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, billi jiġu żviluppati l-aspetti tekniċi tas-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll dwar il-proċess tal-personalizzazzjoni tal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-passaporti tas-servizz

Il-Partijiet, meta jitqies il-qafas ta' dawn in-negozjati, jafferimaw mill-ġdid li dan il-Ftehim ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri individwali u r-Repubblika tal-Azerbajġan jikkonkludu ftehimiet bilaterali li jipprevedu l-eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-viża għad-detenturi tal-passaporti tas-servizz.
